# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2479

Każ numru 3273/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Luke Camilleri (293393M)
u
Hotset Malta Ltd (C11271)

dwar kwistjoni ta' tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum 17 ta' Mejju 2017**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ippreżentat minn Luke Camilleri bħala r-rikorrent, fir-Reġistru tal-Qorti Superjuri nhar il-21 ta' Lulju 2014 fejn sostna li filwaqt li hu kien impjegat fuq bażi ta kuntratt definit datat 23 ta' Jannar 2012, li ġie imġedded kull sena sa Jannar 2014 u li d-data tal-iskadenza tiegħu kellha tkun f'Jannar 2015, dan ġie imwaqqaf li jmur għax-xogħol aktar, abbażi ta' allegat "*excessive grinding and dressing speed on the centreless grinding machine*".

Min-naħa tas-soċjetà intimata, f'nota ta' risposta, ċaħdet it-talba ta' attriċi li l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent bħala infondati, u li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda ġusta.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ippreżentati miż-żewġ partijiet, żamm ghaxar seduti, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

**2.1 Luke Camilleri**, li minn issa 'l quddiem ser jssejjaħ ir-rikorrent kien megħjun mill-Avukat Abigail Critien.

**2.2 Hotset Malta Ltd,** li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-soċjetà intimata, kienet irrappreżentata mis-Sur Neil Spiteri u s-Sur Domenic Mintoff assistiti mill-Avukat Charlotte Camilleri

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent beda l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata fil-21 ta' Jannar 2012 (rif Dok A) fil-kariga ta' Machine Operator fuq bażi ta' kuntratt definit li jiġedded sena wara l-oħra u li d-data tal-iskadenza tiegħu kellha tkun f'Jannar 2015.

Fil-11 t' April 2014, wara li r-rikorrent spiċċa mix-shift tiegħu mis-7.00am sat 3.30pm, is-sur Neil Spiteri H.R & Administartion Manager qal lir-rikorrent sabiex ma jidħolx aktar għax-xogħol għal raġuni ta' dixxiplina minħabba *excessive grinding and dressing speed on the centreless grinding machine*.

**4 Il-lista ta' xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent, skont il-lista mehmuża mad-dikjarazzjoni sottomessa mir-rikorrent.

**4.2** Xhieda mressqa mis-soċjetà intimata , skont il-lista tax-xhieda mehmuża mar-risposta tas-soċjetà intimata datata l-1 t' Ottubru 2014.

**5. Il-lista ta' dokumenti:**

**5.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti minn naħa tar-rikorrenti mmarkati (A; B; C; D; E).

**5.2** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti minn naħa tas-soċjetà intimata mmarkati (NS 1 sa 12 u HM/LC 1 &2)

**6 Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 **Neil Spiteri HR :** **"***Ehe aħna m'aħniex kumpanija li ħa naqbdu u dak li jkun inkeċċuh jew ma nġeddulux il kuntratt , jekk narawh li jista' jipprometti ntuh ċans u nerġgħu ntuh ċans*." (Ref paġ 5 sed 8-10-2014).

*6.2* **Avv Charlotte Camilleri:** **"** *Taħdem tajjeb jew turi nuqqas ta' interess għax hija daqsxejn konflinġenti",* kumment lill-HR tas-soċjetà intimata*.* (Ref. paġ 11 sed 8-10-2014)

6.3 **Avv Charlotte Camilleri** staqsiet **"***Kien ingħata taħrig fuq id-dressing li kien ippreżentat mill-kumpanija f'dan il-proċess?".* **Neil Spiteri HR** wieġeb **"***No".* (Ref paġ 12 sed 25-02-2015).

6.4 **Domenic MIntoff G.M:** **"***Le Le waqt il-każ tiegħu ma kienx hemm aċċident ,kien hemm prattika ħażina mhux aċċident li għalija seta' ikkaġuna".*(Ref paġ 19 sed 8-10-2014)

6.5 **Domenic Mintoff G.M:** **"***Ħareġ warning ieħor***".**

6.6 **Avv. Aron Mifsud Bonnici:** *Xi tfisser warning għalik?"*

6.7 **Domenic Mintoff G.M:** **"***Termination insomma ħareġ f'dan il-każ. Jiena għidtlu biex joħroġ termination".* (Ref pag 32 sed 8-10-2014).

6.8 **Avv Aron Mifsud Bonnici:** "…La hi charge u l-anqas hija *warning* naqblu? Keċċejtu int?". **Domenic Mintoff GM** wieġeb "Hekk Hu". (Ref pag 32 sed 9-10-2014).

6.9 **Domenic Mintoff GM:** **"** *Il-warning tagħna huwa joħroġ warning u aħna ntuhom iċ-ċans li jirrispondu biex jgħidulna biex nisimgħu l-qanpiena tagħhom ukoll."*

6.10 **Domenic Mintoff GM:** **"***L-aħħar wieħed kien, ma kienx just notice kien inaċċettabbli***."** (Ref paġ 39 sed 8-10-2014)

**7 Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

It-trattazzjoni miż-żewġ partijiet ġiet konkluża b'dawn iż-żewġ argumenti.

**L-Avv. Charlotte Camilleri** għas-soċjetà intimata tenniet li kienet ittieħdet deċiżjoni "...*deċiżjoni fl-aħjar interess tas-soċjetà intimata stess, kemm tal-impjegati kollha li kienu jaħdmu magħha kif ukoll għas-saħħa u sigurta tal-istess individwu li kien qiegħed jopera b'mod negliġenti u massiċ u li l-konsegwenzi setgħu kienu koroh ħafna, ma kellix triq oħra ħlief illi tittermina l-impjieg għaliex il-mizuri li kellha tieħu kienet ħadithom kollha*.

Sostniet ukoll li *t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent saret abbażi ta' dixxiplina u li dan kien muri fil-formula tat-terminazzjoni tal-impjieg.* (Dok HML 2)

Min-naħa tar-rikorrent **l-Avv. Abigail Critien** spjegat il-fatt kif li filwaqt li s-soċjetà intimata ssostni li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kien minħabba safety, "...*għaliex dawn ir-raġunijiet imkien ma jirriżultaw. Dan kumbinazzjoni ħarġu fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Ir-rikorrent tkeċċa u hawnhekk nagħmel referenza għal (Dok E) anness mar-rikors promotur,* ***termination during probation****, la kien hemm disciplinary grounds, ...għaliex il-parti tal-probation ma kinetx teżisti...u minkejja li l-affarijiet ġew qabel ,is-soċjetà għażet li terġa' tagħtih kuntratt ieħor...*"

**8 Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal mix-xhieda mgħotija miż-żewġ partijiet matul il-mori ta' dan il-proċess mexa fuq tliet punti li fuqhom jorbot dan il-każ.

(1) Dak li essenzjalment ġara jew li seta' jwassal għal dak l-hekk imsejjaħ nuqqas waqt il-proċess tax-xogħol li kien qiegħed isir mir-rikorrent.
(2) Il-proċeduri meħuda, jew in-nuqqas tagħhom, sabiex is-soċjetà intimata waslet sabiex tieħu id-deċiżjoni u tittermina l-impjieg tar-rikorrent instantanjament.
(3) Ir-raġunijiet differenti li ġew mgħotija uffiċjalment fuq id-dokument ta' terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent.

It-Tribunal innota li r-rikorrrent ġie imġiegħel joqgħod wara l-ħin normali tax-xogħol sabiex ikompli proċess ta' xogħol fuq magna li kien qiegħed jopera ħaddieħor. Skont xhieda mgħotija kif ukoll dokumenti sottomessi, huwa kkonfermat li r-rikorrent, kellu referenzi pożittivi fir-rigward tal-andament fix-xogħol tiegħu, li kienu jinkludi ukoll il-ħarsien tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.
Kien spjegat ukoll li r-rikorrent kellu relazzjoni tajba mal-amministrazzjoni tas-soċjetà intimata, tant li l-kuntratt tax-xogħol tiegħu ġie mġedded għal aktar minn darba. (Ref NS 4; 11;)

It-Tribunal osserva li anke jekk it-taħriġ li kien mgħoti lir-rikorrent kien wieħed limitat u li l-esperjenza lavorattiva tiegħu mhux daqstant twila, fuq magni hekk speċjalizzati, il-kontribut produttiv tiegħu kien wieħed aċċettabbli. (Dok NS 12)
It-Tribunal m' injorax l-importanza tal-preokkupazzjoni fir-rigward tal-livell ta' riskju li setgħet ġiet fih is-soċjetà intimata, kif ukoll il-konsegwenzi li setgħu seħħew, minħabba dan l-inċident li fih kien hemm l-involviment tar-rikorrent.
It-Tribunal ħa konjizzjoni ukoll tal-fatti li ġraw wara l-inċident fejn il-General Manager tas-soċjetà kellem lir-rikorrent , waqqfu mix-xogħol, u filwaqt li r-rikorrent lesta kollox u telaq, eżatt ġurnata wara, ir-rikorrent ġie ordnat sabiex ma jidħolx aktar għax-xogħol u ġie minnufih itterminat.

**It-Tribunal, waqt kull kunsiderazzjoni ta' kaz ta' tkeċċija għal raġuni dixxiplinarja, irid jassigura ruħu li l-prassi normali ta' proċess dixxiplinarju għandhom jiġu segwiti sabiex is-soċjetà tkun imxiet b'ġustizzja u b'ekwita f'kull deċizjoni li tieħu.**

F'dan il-każ partikulari it-Tribunal għamel dawn il-mistoqsijiet:

(1) L-azzjoni li għamel ir-rikorrent kienet tikkosttiwixxi nuqqas serju?
(2) Fil-proċedura wzata f'dan il-każ u li wasslet għat-tkeċċija, ġew osservati l-prinċipji ta' smigħ xieraq u ċ-ċans li jiġi intavolat appell ?
(3) Meta f'dan il każ jissemmew twissijiet (*warnings*) li kellhom x'jaqsmu mal-istess partikularitajiet tax-xogħol, tali twissijiet kienu jindikaw b'mod ċar li repetizzjoni tagħhom setgħu jwasslu għal tkeċċija mill-impjieg jew kienu intizi biss sabiex tinġibed l-attenzjoni ħalli x-xogħol isir b'aktar diliġenza?
(4) Il-miżura ta' tkeċċija kienet penali proporzjonata ma' nuqqas li għamel l-impjegat, jew kien jimmerita kastig anqas aħrax?

**It-Tribunal wasal għal dawn il-konklużjonijiet:**

Mill-fatti li ħarġu matul dan il-proċess jidher b'mod ċar li qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni tat-temm tal-impjieg minħabba allegati nuqqasijiet fix-xogħol da partI tar-rikorrent, la nħareġ *charge* formali u l-anqas ma ġiet adottata xi forma ta' proċedura li b'xi mod tista' titqies li fiha l-appellant ingħata opportunità ta' smigħ xieraq.

Permezz ta' smigħ xieraq biss setgħu jiġu stabbiliti fatti dwar il-livell ta' kolpevolezza 'o meno' tal-impjegat fl-allegati nuqqasijiet. U dan b'mod partikolari jekk in-nuqqasijiet sarux b'mod aċċidentali, bi traskuraġni jew 'a dirittura ' b'mod deliberat.

Dan it-Tribunal jifhem li jista' jkun hemm ċirkostanzi tant gravi fejn impjieg jiġi mitmum b'mod sommarju, iżda mill-fatti kif ġew sponuti f'dan il-proċess tali ċirkostanzi ma kinux apparenti f'dan il-każ.

Dan it-Tribunal jifhem ukoll li ċertu nuqqasijiet gravi u li jiġu ppruvati wara proċess ġust ta' dixxiplina jkunu jimmeritaw il-penali massima u ċjoe terminazzjoni mill-impjieg. F'dan il-każ partikolari ma rriżultax li n-nuqqasijiet li seta' kkommetta l-appellant kienu tali li kien jimmerita tkeċċija.

Fir-rigward taż-żewġ dokumenti tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, għandu jingħad li l-argumenti dwar id-diskrepanza indikata fir-raġunijiet tat-terminazzjoni, kellhom jitressqu fiż-żmien stabbilit quddiem stanza oħra u cjoe l-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol fejn jiġu trattati tali ċirkostanzi, u għaldaqstant ma rabatx ir-relevanza ta' tali diskrepanza mad-deċiżjoni tiegħu.

**Id-deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, irid jirrafferma li liċenzjament bħala miżura ta' dixxiplina trid tkun b'riżultanza ta' deliberazzjoni serja li tkun tinkludi proċess li fih ikun osservat il-prinċipju 'audi alteram partem', fejn l-impjegat involut jingħata d-dritt li jagħti l-verżjoni tiegħu dwar il-fatti, principju li f'dan il-kaz ittrattat gie mwarrab ghal kollox.

Fiċ-ċirkostanzi kif spjegati aktar qabel dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti ma kinetx waħda ġusta u għalhekk ir-rikorrent għandu jingħata kumpens ta' elf u hames mitt euro (€1500) li għandu jitħallas mis-soċjetà intimata fiż-żmien xahar minn din id-deċiżjoni.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

James Pearsall

Chairman